# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 26**

**Avviz numru 225/02mm**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Audrey Azzopardi u zewgha Karl Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u disghin lira Maltin (Lm1893.00) rapprezentanti import ta' dsatax-il (19) kambjala, wahda ta' Lm3 (bilanc) u tmintax ta' Lm105 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Settembru, 2000, sa' Marzu, 2002, ripettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 19 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Marzu, 2002, rispettivament jammontaw ghal Lm126, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament efettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, kontra  konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-26 ta' Gunju 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg